**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 284 / 2020**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Keith Pace**

Illum, 18 ta' Mejju, 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant **Keith Pace** detentur tal-karta ta' l-identita 327480 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

*"Talli b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:*

1) *bejn nhar l-erbatax ta' Awissu 2018, u il-wiehed u ghoxrin ta' Awwissu 2018, minn fond numru 337, Triq il-Kampanella, Rahal Gdid u/jew f' dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' hwejjeg u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifkat, bil-mezz, bil-lok u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (Eur 2329.37), liema serq sar ghad-dannu ta' Clint McKay, u/jew ta' xi persuni/i w/jew ta' xi entitat' u/jew entitajiet ohra bi ksur tal-artikoli 261 (b,c,e), 263(a), 267,269, 279 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2) *Ukoll talli fl-istess dati, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli bi ksur tal-artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3) *Ukoll talli bejn l-erbatax ta' Awwissu u t-tlieta ta' Ottubru 2018, f' dawn il-gzejjer laqgha ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod iehor indahlet biex tbighhom jew tmexxijhom bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4) *Ukoll talli nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Settembru 2018, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija u/jew xi hinijiet ohra, fil-fond numru 381, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, bil-hsieb li jwettaq serq, wera b' atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-lok bi ksur tal-artikoli 261(e, f), 263 (a), u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5) *Ukoll talli fl-istess dati hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli bi ksur tal-artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

6) *finalment nakkuzawh ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati Maltin."*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Dicembru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17 (b), 20, 31, 41 (1) (a), 49, 50, 261 (b), 261 (c), 261 (e), 263 (a), 264, 267, 269 (d), 278 (1), 278 (2), 278 (3), 279 (b), 280 (2), 289, 325 (1) (c) u 334 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil Keith Pace mhux hati tal-hames imputazzjoni, filwaqt li fuq ammissjoni, sabet lill-istess Keith Pace hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt imputazzjoni u ikkundannat ghal piena ta' tletin xahar prigunerija effettiva – mil-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa nzamm taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li taghhom instab hati permezz ta' din is-sentenza.

In oltre, ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ikkundannat lill-hati Keith Pace ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez inkorsi fil-

kors tal-inkjesta in genere li tifforma parti mill-atti processwali fl-ammont ta' elf u disgha u hamsin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1059.73).

Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Habs.

Ordnat li dawn l-atti u din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali ai termini tal-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Keith Pace minnu pprezentat fit-18 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u lliberatu mill-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, **THASSARHA U TIRREVOKAHA** in kwantu ghall-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

**A. <u>Piena Erogata</u>**

Illi dan huwa appell li jirrigwarda l-piena stante li l-appellanti rregistra ammissjoni. Illi huwa minnu li l-insenjament tal-Qrati superjuri dejjem sahaq li sa certu punt appelli wara ammissjoni huma ftit odjuzi peress li meta wiehed jirregistra ammissjoni dana ikun qed 'jerhi' lilu nnifsu kompletament f' idejn dik il-Qorti li tkun qed tiggudikah. Illi fuq ton akkademiku, pero` l-esponenti ma jaqbilx kompletament ma' tali insenjament. Illi dana peress li qabel mal-Qrati tal-Ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' 'sentencing policy' rigida, ma' jzommu certu konsistenza u omogenjita` fis-sentenzi taghhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jigri fil-kaz in ezami. Illi inoltre f' kull kaz Qrati ta' l-appell xorta ghandhom jidhlu f' ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eccessiva jew le.

Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija lilu u cioe' dik ta' tletin (30) xahar prigunerija hija wahda eccessiva.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li **l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f' dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Francis Mamo</u>**:

*Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m' ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m' ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m' ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Anton Vassallo</u>** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop*

*jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Massimo Abela</u>** deciza mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal hekk:

*Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri*** *moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:*

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' ; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l- impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki*

*tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat *in funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Wood*** *din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b' mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f' dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x' ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta'* ***Anthony Wood****) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f' kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b' effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b' effett immedjat).*

**9.** *Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x' inhi jew x' tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b' mod li l-istat ma jinkorrix f' aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x' indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f' xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant*** *:*

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

Illi inoltre l-esponent jaghmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' **Principles of Sentencing**[1], ta' David Thomas, fejn intqal illi:

*"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)*

Illi inoltre' , qieghda ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar l-24 ta' Marzu, 2014, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry,** f' liema decizjoni l-Qorti tenniet:

*F' dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f' hajtu. […]*

*Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn […].*

F' dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**[2], deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti

[1] Heinemann, London, 1979

sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla:

*' Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli,* ***li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv…*** *Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali,* ***u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'***

Fis-sentenza, **<u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

' Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. George Farrugia</u>: "*Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-*

*erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'***

Illi inoltre l-appellant jirrileva illi fl-erogazzjoni tal-piena l-Qorti Kriminali ghalkemm hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-appellant kif ukoll il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-appellant jikkontendi illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tinfliggi piena iktar ekwa u gusta tenut kont ta' dawn iz-zewg fatturi.

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-appellant ammetta fl-aktar stadju bikri tal-proceduri kriminali u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega lanqas illi l-Prosekuzzjoni jressqu provi in sostenn tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-appellant. Fil-fatt, l-appellant ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu fil-prezentata. Illi l-appellant jirrileva illi r-regoli generali li ghandhom jiggwidaw il-Qrati fil-kazijiet ta' ammissjoni bikrija fil-proceduri kienu deskritti mill-Qorti tal -Appell Kriminali fis-sentenza preliminari taghha fil -kawza: "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**", [17.7.2002].

F' din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone' s Criminal Practice[3], :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never 7 been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the*

[3] Blackstone Press Limited – 2001 edit

*facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender.*

*An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908).*

*Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of ' tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."*

Illi inoltre l-appellant jirrileva illi ghalkemm reati simili huma kundannabbli bla ebda riserva kien hemm diversi kazijiet simili fejn min instab hati lanqas biss inghata piena ta' prigunerija effettiva. Illi l-appellant jirrileva illi ghalkemm il-paraguni huma odjuzi, hemm diversi kazijiet fejn il-hatja jkunu ppartecipaw b' mod iktar attiv jew daqs l-appellant u l-piena taghhom kienet ferm inqas mill-piena illi giet inflitta fuq l-appellant.

Illi inoltre jigi rilevat illi fiz-zmien illi l-appellant ikkometta r-reati in kwistjoni kellu problemi kbar ta' droga fejn fil-fatt tali reati gew kommessi minnu minhabba illi huwa kien jabbuza mid-droga. Illi izda matul il-proceduri kriminali odjerni u anzi fil-bidu ta' tali proceduri l-appellant ghamel avvanz u progress kbir sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga fejn fil-fatt huwa ttermina l-programm residenzjali tad-droga. Illi dan kollu jidher

kemm mix-xhieda moghtija mill-Probation Officer tieghu kif ukoll mir-rapprezentant tal-OASI Foundation illi lkoll ikkonfermaw l-avvanz u l-progress kbir li ghamel l-appellant sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Illi ghal beneficcju ta' din l-Onorabbli Qorti ser jigu riprodotti siltiet mix-xhieda kemm mir-rapprezentant tal-OASI Foundation kif ukoll minn tal-Probation Officer illi lkoll juru l-progress illi jaghmel l-appellant u li jekk se jinghata piena karcerarja effettiva se jkun jintilef il-progress kollu li sar pendenti l-proceduri kriminali:

**Charlene Galea [4]in rapprezentanza tal-OASI Foundation:**

*Xhud: Nahdem bhala Therapy Facilitator. Keith Pace dahal fit- tlettax (13) ta' Novembru tat-two thousand nineteen (2019). Il-process tieghu ta' qabel dahal kien twil. Kien ta' madwar xi sena ghaliex l-addiction tieghu kienet b' sahhitha hafna jigifieri kienet difficli ghalih sakemm dahal imma once li dahal kellu hafna determinazzjoni u motivazzjoni biex ibiddel hajtu. Hadem hafna fil-programm u spiccah fid- disgha (9) ta' Marzu ta' din is-sena. Wara hemmhekk baqa' jaghmel kuntatt regolari maghna.*

Avukat: Jigifieri spiccah, jigifieri ghamlu b' success?

*Xhud: Iva ta' success, iva. Spiccah bit-tajjeb. Irnexxielu jispiccah qabel iz-zmien tal-Covid allura irnexxielu jaghmlu kollu kemm hu ghax kellna naqtghu parti mill-programm jigifieri lesta kollox.*

Avukat: Sewwa.

*Xhud: Imbaghad minn hemmhekk, kompla jattendi kull gimgha. Dejjem sessions u issa minhabba din is-sitwazzjoni tal- Covid, minflok jigi l-Oasi naghmlu sessions bil-video call kull gimgha.*

Avukat: U issa hu qed jaghmilhom? Jattendi ghall-video calls?

*Xhud: Iva.*

Avukat: Sewwa. Allright.

[4]

*Xhud: U qeghdin naghmlulu wkoll random urine tests halli jigi l- Oasi, meta ncemplulu jigi u jigi jaghti il-urine test.*

Avukat: Ikun infurmat minn qabel imma jew iccemplulu dak il-hin?

*Xhud: Incemplulu gurnata qabel jew go dik il-gurnata jew jumejn qabel u jigi.*

Avukat: Sewwa.

*Xhud: U kull... irrizulta negattiv.*

…

Avukat: U ghandek amment kemm il-test tal-urina kontu hadtulu jew hadtulu f' dan il-perjodu?

*Xhud: L-ahhar zewg testijiet kienu fit-tmintax (18) t' Awwissu u sebgha (7) ta' Settembru.*

…

Avukat: Le bhala numru, kemm?

Xhud: *Madwar xi ghaxra jew hdax.*

Avukat: Tajjeb u dawn is-sessions tal-video call li qed tghidilna, kemm ikunu twal? Ikunu qosra?

*Xhud: Ikunu bejn nofs siegha, tliet kwarti, siegha, skond il-bzonn.*

**Probation Officer Matthew Fleri Soler**

Avukat: Kont tiga ipprezentajt rapport hawnhekk li kien ilu naqra. Nahseb xi sena ilu.

*Xhud: January two thousand and nineteen (2019).*

…

Avukat: X' gara minn dakinhar l' hawn?

*Xhud: Iva jien fil-fatt ippreparajt xhieda fis-sens ta' timeline bil- punti principali tal-affarijiet illi graw.*

…

*Xhud: Prattikament Sinjura Magistrat wara l-ahhar xhieda tieghi meta prezentajt il-presentesing report fl- erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tat-two thousand nineteen (2019), is-sitwazzjoni nbidlet, specjalment fejn jidhlu l- aspetti tal-familja, konjugali u sahha u vizzji. Nghid illi minn Jannar sa April tal-elfejn u dsatax (2019) Keith Pace kien qieghed fi stat kowotiku hafna, fil-fatt kien juza' droga kokaina regolarment ghalkemm irrid nghid li kien izomm kuntatt kemm mal-ufficjal tal-probation kif ukoll mal-Agenzija Oasi. Madankollu fetah kas gdid f' April illi ghalkemm huwa innocent until proven guilty pero' xorta hija indikazzjoni illi huwa kien jinsab fi stat kowotiku u nzamm that arrest sal- ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019). Nghid illi mill-helsien tal-arrest tieghu Keith beda jiehu l-process ta' reabilitazzjoni izjed bis-serjeta billi jzomm kuntatt regolari hafna mal-Oasi, mal-Caritas dak iz-zmien kif ukoll mal-ufficjali tal- probation. Min-naha tieghi hadtlu tliet (3) testijiet tal-urina bejn l-ghaxra (10) ta' Lulju u t-tnax (12) t' Awissu two thousand nineteen (2019) u kollha rrizultaw clean. Izda fl- ewwel gimgha ta' Settembru s-Sur Pace.*

Avukat: Elfejn u dsatax (2019)?

*Xhud: Elfejn u dsatax (2019). Kien ammetta illi kellu relapse bil- kokaina u gie ghandi ghall-ghajnuna u obda l- istruzzjonijiet li nghatawlu sabiex ikun f' konteniment fl- isptar Mount Carmel sabiex jidisintosifika ruhu. Fix-xhur li segwew progress tas-Sur Pace kien wiehed sodisfacenti hafna fejn zamm kuntatt regolari hafna kemm mal-ufficjal tal-probation, u sarulu tliet (3) testijiet tal-urina li ttiehdulu f' temp ta' xahar li rrizultaw kollha fin-negattiv. Fit-tlettax (13) ta' Novembru elfejn u dsatax (2019) Keith Pace beda jsegwi l-programm residenzjali tal-Oasi, ghamel tliet (3) xhur fil-fazi fully residential sakemm f' Marzu tas-sena 2020 hu qaleb ghat-tieni (2) fazi tal-programm fejn kien mistenni jattendi grupp kif ukoll individual sessions.*

Avukat: Ma baqax fir-residenza imbaghad?

*Xhud: Mexa*

Avukat: Mexa biex imur jghix fil-komunita' .

*Xhud: Hekk hu, hekk hu.*

Avukat: U fejn jghix Malta il-komunita' jew Ghawdex?

Xhud: *Ghawdex.*

Avukat: Ghawdex.

*Xhud: Ghawdex. Fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) hadtlu wkoll kampjun tal-urina li rrizulta fin-negattiv. Imbaghad minn Marzu sa Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) bhala dipartiment ahna kellna.*

…

Avukat: Kellimtuh f' dan il-perjodu?

*Xhud: Iva madankollu s-Sur Pace zamm kuntatt regolari permezz tat-telephone u saru sessions ta' kull gimgha kwazi permezz tat-telephone.*

Avukat: Kemm ikunu twal dawn it-telefonati?

*Xhud: Jiddependi minn x' hiex ikollu xi jghidli, diffikultajiet li jkollu.*

Avukat: Two minutes (2), nofs siegha, siegha?

*Xhud: Le mhux two (2) minutes.*

Avukat: Mas-Sinjur kemm iddum, kemm kienu qed idumu?

*Xhud: Ara session normali face to face dejjem tiehu, per ezempju lbierah kellna session, hadet nofs siegha u fuqhom, jigifieri. Minn fuq il-telephone kienet tiehu ten (10) fifteen (15) minutes, ejja nghidu hekk on avergae jigifieri pero dejjem skont.*

Avukat: Il-bzonnijiet.

*Xhud: Il-bzonnijiet x' jiddeciedi li jiftah qalbu dwar. Ovvjament il-livell ta' supervizjoni dak iz-zmien ma kinitx naqset tista' tghid. Pero l-indikazzjonijiet kienu minn dan il- kuntatt li kien qed isir bit-telefown illi huwa ma kienx tilef il-progress illi ghamel meta kien fil-fazi residenzjali tal-programm. Il-kuntatt wicc imb' wicc rega' beda, rega' kien stabilit fit-tlieta (3) ta' Lulju fejn kien determinat li dan il- progress ta' Keith Pace kien baqa' konsolidat. Pero madankollu rrid nghid illi fix-xahar li segwa, s-Sur Pace naqas milli jzomm il-kuntatt mistenni minnu mal-istruttura tal-programm hekk kif huwa ppospona numru ta' appuntamenti konsekuttivi. Min-*

*naha tieghi ma bghatx ghalih minhabba li huwa kien stqarr illi gie f' kuntatt ta' persuna li rrizultat fil-pozittiv ghall-corona virus u ghaldaqstant kellu jibqa' kwarantina sakemm jircievi r-rizultat tal-iswab test kif ukoll jiena imbaghad kelli appuntament li pposponejtu jien minn naha tieghi. Mill- Oasi rcevejt informazzjoni illi mit-tmienja u ghoxrin (28) t' Awissu s-Sur Pace rega' stabilixxa l-kuntatt regolari mal- Agenzija taghhom u rega' ireintigra ruhu fl-istruttura tal- programm. Urine test li ttihiedlu dakinhar wkoll irrizulta fin-negattiv. L-ahhar li ltqajt mas-Sur Pace kien propju fil- hmistax (15) ta' Settembru fejn it-test tal-urina rrizulta fin- negattiv kif ukoll huwa stqarr li huwa determinat li jibqa' jtejjeb is-sitwazzjoni tieghu u eventwalment jittermina l- programm b' success.*

Ghalhekk il-piena ta' tletin (30) xahar prigunerija kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' ta' tletin (30) xahar prigunerija meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern u tqarreb iktar lejn il-massimu milli lejn il-minimu fejn persuni b' akkuzi identici sahansitra lanqas biss inghataw piena ta' prigunerija effettiva.

Illi nhar is-16 ta' Frar, 2021 l-avuakt difensur tal-appellant talab li jiguimharka bhal xhieda lil Padre Gialanza l-parokko tal-knisja tal Kalkara, il-Probabtion Officer Matthew Fleri Soler u certu Charlene li tahdem l-Oasi.

Illi fit-2 ta' Marzu, 2021 xehed **<u>Patri Brian Gialanza</u>** u kkonferma li huwa l-kappillan tal-parocca tal-Kalkara. Dan jghid li l-uficcjal tal-probabtion kien staqsih jekk l-appellant setghax jghamel xi xoghol fi-komunita mal-parocca li huw ajiehu hsieb il-Kalkara. Qal li kien accetta u ilu jahdem hemm minn Gunju 2020. Qal li l-appellant jahdem fil-manintenance, tibjid u jghin fil-parocca jigbor xi affarijiet li wara li jinghataw lil fqar.

Kemm ilu jaf lill-appellant dan dejjem ikkolobora hafna mieghu u gili jitkelmu bejneithom u jahdmu flimkien .Sa fejn ssita jara jghid li l-appellant qed jahdem hafna fuqu innifsu u qed jara li huwa verament *committed.* Qal li sa fejn jaf hu l-

appellant jahdem ma missieru pero ma jafx jekk l-impieg tieghu hux wiehed regolari. Qal li l-parocca imur ghall-habta tas-6.00a.m/6.30 am .m u wara jaf li jmur ghax-xoghol. Qal li qabel Gunju 2020 ma kienx jafu

Illi fit-2 ta' Marzu, 2021 xehed il-**Probabtion Officer Matthew Fleri Soler** u kkonferma li l-ewwel kuntatt li kellu mal-appellant Keith Pace kien fis-sena 2011. Fil-present kien qed isegwih fuq zewg community service orders, provisional orders of supervision, sentenza sospiza ukoll bil-supervision u Probation Order. Qal li '*bhal issa* (b'referenza ghall-akkuzat appellant) *huwa l-izjed zmien fejn huwa jinsab jghix hajja stabbli.'*

Stqarr li fit-13 ta' Novembru, 2019 l-appellant beda isegwi prgramm ta' rihabilitazzjoni ma l-Agenzija Oasi minhabba li huwa kellu l-vizzju tad-droga Kokaina. Qal li dan il-programm ghenu hafna tant li illum qed jghix hajja stabbli. Mistoqsi jekk il-programm lestihx jghid li le, pero kien ghadu qed isegwih. Qal li kuntatt mieghu huwa regolari hafna. Kul gimghatejn jew tlieta ihalli urine samples u dawn dejem taw rizultat negattiv ghad-droga. Ikolu kuntatt mieghu kul gimgha , icempillu u jghamlu sessions bit-telefon bili itih *update* ta dak li qed ighamel f'jhajtu u minn xiex ikun ghaddej.

Spjega li ghandu partner f'hajtu u din hija ta' support kontinwu ghalih jigifieri anke maghha ghandu kuntatt tajjeb. Mistoqsi jekk kienux ilhom f'din ir-relazzjoni jghid li kienu *on and off*. Pero wara is-sena 2019 din ir-relazzjonni stabiliet ruha.

Qal li l-appellant illum ghandu certu stabilita f'hajtu. Ghandu rutina fil-gurnata billi qed jahdem fil-komunita ghandu hafna sieghat x'jaghmel Fil-fatt riesaq lejn l-ahhar ta' l-ewwel sentenza fil-komunita li kienet ta' 480 siegha. B'dan ried ifisser li bejn programm, bejn perijodu ta' habs meta kien taht l-effett tas-sustanzi damu ftit biex jirrankaw pero fil-present ghaddej tajjeb hafna fir-rigward tal-community worku minn dak li seta jifhem anke is-supervisor huwa kuntent bih bix-xoghol i qed ighamel fil-parocca.

Qal li minn meta beda l-programm ra 'steady progress' u qed jara indikazzjonijiet konkreti li s-sur Pace bena element ta' struttura u stabilita f'hajtu. Mistoqsi jekk ghandux kawzi ohra jghid li ghandu tnejn jew tlieta pendenti quddiem il-Qrati tal-Magistrati.

Fit-2 ta' Marzu, 2021 xehdet ukoll **Charlene Galea** ghan-nom u in rappresentanza tal Fondazzjoni Oasi. Qal li l-ewwel appuntament li kienghamel l-appellant mal-Oasi kien fit-13 ta Novembru, 2019 meta beda trattament esienzjali fl-Oasi. Dan spiccah fid-9 ta' Marzu 20120. Fil-proramm tieghu dejjem wera motivazzjoni. Dejjem tkellem u fetah qalbu u qal li xtaq ibiddel hajtu. Wara li spicca l-programm kellhom diffikolta minhabba l-COVID 19 u kellhom jghamlu s-sessions tramite *video calls* u telefonati regolari. Issa regghu bdew billi jattendi laqghat l-Oasi u xi drabi jghamlu *video calls*. Ikollu sessions *weekly* u jiehdulu ukol random tests halli ikunu certi li huwa clean. Qalet li kien hemm xi ghaxar *random testing* tal-awrina tal-appellant u kollha taw rizultat negattiv ghal presenza ta' droga. Dawn bdew jittihdu f'Lulju, 2020 u baqghu ghaddejjin sat-22 ta' Frar, 2021. Hija esebiet ir-rapport taghha datat 18 ta' Frar ,2021 li jikkonfema x-xhieda moghtija minnha seduta stante.

Ikkunsidrat

Illi dan l-appell huwa limitat għall-piena li ġiet imposta mill-Qorti tal-Maġistrati stante li l-appellant kien ammetta ħtijietu quddiemha. Huwa appell iffukat fuq il-quantum tal-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellant.

Illi minn esami tal-atti jirrizulta li l-appellant kien irregistra ammissjoni fit-tieni opportunita moghtija lilu u cioe waqt is-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2018 u cioe fis-seduta sussegwenti ghal prezentata tieghu l-qorti. Jidher li l-ammissjni tieghu ma kellha l-ebda riserva u li ghalhekk kien qed jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif addebiati fil-konfront tieghu. Kif tajjeb osserva l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, meta akkuzat jirregistra ammissjoni ikun *'qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha'*.

Issa jinghad l-ewwel nett illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le.

Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti[5] jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi **u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.** [6]Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella**[7] ).

F'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena għalhekk, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena fis-sens li tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx skont il-kwalita u kwantita stabbiliti mill-Liġi, jew jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva, jew jekk illum il-gurnata hemm cirkostanza gdida li l-ewwel Qorti ma kientix hadet konjizzjoni taghha.

**Ikkunsidrat**

L-akkuzat appellant gie imressaq il-Qorti nhar it-3 ta' Ottubru, 2018 u akkuzat fuq reati ta' serq aggravat bil-mezz, lok hin u valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disa u ghoxrin euro u sebgha u tletin centesmu (€2,329.37) ghad dannu ta' Clint Mckay, talli ikkaguna hsara volontarja, ricettazzjoni u attentat ta' serq aggravat mill-fond 31,Triq il Kbira San Guzepp, Santa Venera u talli ghamel hsara volontarja f'dan l-istess fond u talli huwa recidiv. Illi zgur li l-piena li setghet inghatat kienet hafna aktar min dik moghtija mill-ewwel Qorti u cioe tletin (30) xahar prigunerija. Bizzejjed jinghad li l-piena applikabbli ghar-reat ta' serq aggravat bil-hin, lok u valur skond l-artikolu 278(3) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta huwa dak ta' erbgha snin u ma jinghatax fil-minimum. Ghalhekk meta tara l-piena li giet mghotija u cioe dik ta' tlettin xaghar gja hija hafna inqas mill-

[5] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.
[6] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti

massimu permess minkejja li l-piena tista' titla ukoll bi grad jew tnejn ghaliex huwa ammetta li kien recidiv fejn allura l-piena ghal din l-akkuza biss tista tkun sa tmien snin jekk titla bi zewg gradi u dan minghajr referenza ghall-akkuzi l-ohra u dan ai temini tal-artikolu 280 tal- kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ghalhekk trid tara x'inhma r-ragunijiet 'l ghala hija ghandha timmodifika u tirriforma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti

Jirrizulta li l-appellant illum ghandu 40 sena stante li twieled fl-10 ta' Lulju, 1980 u l-ewwel *conviction* registrata fuq l-fedina penali tieghu tirrisali ghal meta kellu biss dsatax-il sena meta kien instab hati ta' ksur lejn l- Ordinanza tat-Traffiku u kien ikkundannat ihallas multa ta' tletin euro (€30) fit-8 ta' Novembru, 1999. Minn dak in-nhar 'l hawn konsistentement l-appellant instab hati ta' bosta reati ohra fosthom diversi serqiet aggravati, ricettazzjoni, pussess ta' biljetti foloz, raggion fattasi, hsara volontarja theddid u insulti il-terzi pesuni, nuqqas ta' obbidjenza ta' ordnijiet legittimi, offizi gravi fuq tezi persuni, ksur ta' Probabtion Order u talli huwa recidiv. Jinghad li mis-sena 1999 sas-sena 2018 l-appellant ghandu ghoxrin faccata ta' reati u kontravenzjonijiet registrati fuqha. Jinghad li inghata kul tip ta' piena fosthom kundanni ta' multi, ammendi, inghata conditional discharge, suspended sentences u anke sentenzi ta' prigunerija, u illum jinsab jiffaccja kundanna ohra b'ammissjoni registrata quddiem l-ewwel Qorti. Jidher li l-appellant gja ghamel wiehed u ghoxrin sena fil-hajja kriminali u diversi snin il-habs.

Il-Qorti esaminat l-atti u mill-verbal registrat fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2018 jidher li d-difiza kienet talbet li jithejja pre-sentencing report u l-prosekuzzjoni ma kienitx oggezzjonat u fil-fatt skond nota prezentata fl-atti nhar it-22 ta' Ottubru, 2018 il-Qorti giet infurmata li kien gie nominat ghal dan il-ghan il-Probabtion Officer Matthew Fleri Soler. Nhar l-10 ta' Dicembru, 2018 kien deher il-Probabtion Officer Matthew Fleri Soler u pprezenta r-rapport tieghu li gie markat bhala dok MFS.

Minn ezami ta' l-istess jirrizulta li l-appellant Keith Pace kellu trobbija tajba pero r-relazzjoni tieghu mal-genituri tieghu u ma hutu bdiet tiddeterjora hekk kif kellu hmsitax-il sena meta it-tfajla tieghu harget tqila b'tarbija tieghu u telaq mid-dar. Ommu u missieru ma accettawx dan il-fatt u hutu skont Pace daru kontrih. Huwa ghalhekk

beda jisraq biex imantni lit-tarbija li kienet f'guf ommha. Pace jispjega li ma jitkellimx ma hutu izda mal-genituri tieghu illum jitkellem.

Fil-prezent jirrizulta li Pace jghix mas-sihba tieghu Antoinette Rapinett u t-tifla taghhom Pearl Anne ta' hames snin gewwa l-Marsa. Jidher li ghandhom relazzjoni tajba hafna u li joffru support lil xulxin. Huwa kellu zewg relazzjonijiet ohra tajba fil-passat tant li anke ghandu tfal minnhom u jghamel mezz biex izomm kuntatt regolari mat-tfal.

Pace isostni li beda jabbuza mid-droga meta kellu tnax-il sena pero mhux ta' kuljum u ghalhekk jghid li ma kienitx problema ghalih. Izda jghid li meta infethu l-proceduri odjerni kontrih il-vizzju rikbu. F'Novembru, 2015 kien dahal isegwi programm residenzjalli is- Sedqa. Dan il-porgramm kellu effett posittiv fuqu fejn indirizza l-vizzju tad- droga Kokaina u rega kiseb stabilita f'hajtu. Pace iggradwa mill-programm f' Awwissu, 2017 pero kellu *relapse* fuq id- droga kokaina ftit qabel ma fetah il-kaz odjern u kien qed jipprova jidhol programm l- OASI.

Pace qatt ma hadem b'mod regolari u l-uniku dhul tieghu huwa mill-biegh li jghamel fuq il-monti fl-ahhar tal-gimgha. Wara li inghata l-plegg illum il-gurnata jghin lil missieru li huwa *car dealer*.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-Probation Officer kien ilu isegwi lill-akkuzat sa mis-sena 2011. L-ghan principali tas-supervisjoni tieghu dejjem kienet li ghandu iwettaq diversi sieghat fil-komunita. Jghid li Pace mhux dejjem iddistingwa ruhhu bhala l-izjed probabtioner affidabbli pero bejn 2012 u 2014 l-andament tieghu fir- rigward ta' supervisjoni kien wiehed sodisfacenti. Pero fis-sena 2015 ma zammx kuntatt sakemm spicca taht arrest. Meta kien qieghed jghamel programm l-andament tieghu kien ikun wiehed sodisfacenti.

Il-Probation Officer issugerixxa bhala pjan ta' kura li l-akkuzat ghandu jsegwi rihabilitazzjoni fl-ghamla ta' programm residenzjali sabiex jeghleb il-vizzju tal-kokaina. Qed jattendi sessjonijiet ta' outreach mal-Agenzija OASI u dan bl-intensjoni li jibda prgramm residenzjali u huwa wara dan il-perijodu li jista' jkompli jwettaq is- sentenzi ta' xoghol fil-komunita.

Ix-xhud qal li minn meta infetah dan il-kaz l-akkuzat ghamel hiltu biex jidhol isegwi programm residenzjali immexxi mill-OASI pero meta wiehed jara r-reati li wettaq jinnota li dawn wettaqhom fi zmien meta kien taht supervizjoni ghal divesi sentenzi fil-komunita. Jghid li Pace ma avzax il probabtioner meta kellu relapse u d-diversi sentenzi ta' komunita ma humiex bizzejjed ghalih biex ma jippersistix fil-hajja kriminali. Ghalhekk kkonkluda li huwa tal-fehma li Pace ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva filwaqt li jittihed kunsiderazzjoni tal-progress li huwa ghamel fir-rijabilitazzjoni tieghu .[8]

Rat ix-xhieda ta' **Chris Mercieca** rappresentant tal-OASI moghtija nhar it-30 ta' Mejju, 2019 u kkonferma li f'Novembru 2015 Pace kien ghamel kuntatt maghhom u rega ghamel kuntatt maghhom fit-30 ta' Ottubru, 2018 liema process waqaf f' Dicembru ,2018 u rega beda f'Jannar 2019. Ikkonferma li minn numru ta' testijiet li ghamel irrizulta li Pace ghandu problema ta' addiction. Qal li gja kellhom pjan biex jidhol programm izda peress li rega gie arrestat il-pjan taghhom sfaxxa.

**Shaun Catania** addettat mal- Caritas xehed nhar it-20 ta' Mejju, 2019 qal li kien cempillu l-appellant fis 17 ta' Mejju, 2019 u kien talbu imur jarah il-habs u dan sabiex jesploraw is-sitwazzjoni tieghu fil-qasam tad-droga. Qal li meta persuna tkun inghatat il-liberta provisorja huma ikunu f'posizjoni li ighinuha tibda programm.

Nhar il-11 ta' Gunju 2019 l-avukat difensur kien talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tikkonverti ruhha fi Drug Court izda l-prosekuzzjoni oggezzjonat u dan peress li l-piena applikabbli ghar- reati li bihom jinsab akkuzat l-appellant jecedu is-seba' (7) snin u dan ghaliex skond il-proviso tas sub artikolu 2 tal artikolu 280 tal kap 9 l-piena ghas- serq akkumpanjat bil- kwalifika tal-mezz hija inqas mill-piena ghas-serq ikkwalifikat bil valur li jeccedi €2,329.37 ghandha tinghata l-piena imsemmija fl-artikolu 279(b) mizjud bi grad u ghalhekk il-piena li tista tinghata hija dik ta' tmien snin prigunerija. Ghalhekk b'digriet taghha tal-25 ta' Lulju 2019 din it-talba giet michuda.

**Ikkunsidrat ulterjoment,**

[8] Enfasi maghmula mill-Probabtion Officer fir-relazzjoni tieghu dok MFS esebit fl-atti fis-eduta tal-24 ta' Jannar, 2019 u ghal darb ohra meta xehed quddiem il-Qorti tal-MAgistrati nhar it-30 ta' Mejju, 2019 (fol. 182 ta' l-atti)

Din il-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u rat ir-ragunijiet li a bazi taghhom tat is-sentenza taghha. Jinghad li l-ewwel Qorti ezaminat l-*pre sentencing report tal- Probabtion Officer* u rat ukoll ix-xhieda li inghatat mir-rapprezentanti tal- OASI Foudnation u ghalhekk kienet konxja tal- progress li huwa ghamel fir-rigward tat- tehid ta' droga qabel ma tat is-sentenza tahha. Izda minhabba l-fedina penali voluminuza tal-appellant, huwa ghandu jinghata piena karcerarja.

Illi pero quddiem din il-Qorti d-difiza resqet provi li ma kienux a konjizzjoni ta l-ewwel Qorti li illum il-gurnata l-appellant ghamel programm residenzjali mal-Fondazzjoni Oasi u ttermina dan l-programm b'mod posittiv. Jirrizulta mix-xhieda ta' Charlene Galea li l-appellant zamm kuntatt mal-Oasi u fil-fatt ta diversi testijiet tal-awrina tieghu u dawn dejjem taw rizultat negattiv ghal presenza ta' droga. Jidher li dawn it-testijiet bdew jittihdu qabel ma gie intavolat l-appell odjern u baqghu ghaddejjin ghal zmien wara waqt l-andament ta' dawn l-istess proceduri.

Id-difiza resqet lill-ufficcjal tal-probabtion jixhed Matthew Fleri Soler u stqar li huwa li fil-prezent l-appellant huwa l-izjed zmien li qed jghix hajja stabbli. Spjega li kien ilu jarah mis-sena 2011 u li kien irregistra progress. Qal li qed jghamel hafna xoghol fil-komunita kif ordnat b'diversi sentenzi tal-Qorti u li jzomm kuntatt regolari mieghu Ikkonferma li mit-13 ta nOvembru 2013 sa illum ra kambjament kbir fl-appellant u li qed jirregistra 'steady progress' . Qa li mill-indikazzjonijeit li ghandu hemm progrress konkret u li l-appellant bena struttura ta stabilita f'hajtu . L_Kappillan tal-Parocca ta' Kalkara rev Father Brian Gialanze ukoll xehed quddiem din il-Qorti u kkonferm ali l-appelalnt qed ighamel xoghol ta komunita mieghu ta sikwit konsistenti fil-manintence tal-knisja. Qal li dan beda f'Gunju 2020 u li ma kienx jafu qabel. Spjeg ali jitkellem mieghu hafna u li l-appellant qed jahdem fuqu innifsu biex ibiddel hajtu u jidehr 'very committed'.

Ghalhekk f 'dan l-istadju ingabu cirkostanzi godda 'l ghala din il-Qorti ghandha tiddipartixxi mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti. L-Avuakt generali fid-difiza tieghu sostna li din il-Qorti m'ghandhiex tiddipartixxi mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u dan ghaleix ic-cirostanzi huma l-sitess u l-appellant ghandu fedina penali refrattarja hafna.

Dwar dan il-Qorti ma taqbilx u dan ghaliex l-fatt li l-appellant ghandu fedin apenali refrattarja ma ifissirx awtomatikament li m'ghandhux jinghata opportunita li jindirizza hajtu u jzomm 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita. Fil-hajja hemm min jizbalja u jinduna aktar tard f'hajtu li jekk ma ibiddilx ghemilu ma hux ser johrog mic-criku ta' kriminalita pero meta bniedem jghamel hiltu kollha biex jindirizza l-problem li huwa ghandu in konnessjoni ma abbuz ta' sustanza illecita din il-Qorti trid tgharaf dak l-isforz altrimenti dak kollu li jkunu ghamlu mieghu l-awtoritajiet inkarigati biex jghinu min hu maqbud fil-vizzju ta' droga ma jkun ta' ebda valur u m ajkunx qed jigi rikonoxxut. **Il-Qorti ma tistax ma tfahharx ix-xoghol siewi li qed isisr minn dawn l-entitajiet bhala Sedqa, Oasi u Caritas li ighinu tant nies jindirizzaw dan il-vizju mishut ta' droga bil-ghan li ighinuhom jibnu hajjiethom mil-gdid.**

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala akkuzat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju. Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti semghet lill-Ufficcjal tal Probabtion Matthew Fleri Soler u lil Charlene Galea jixhdu ghan nom tal Oasi u t-tnejn li huma kkonfemaw li l-appellant ghamel progress f'hajtu, indirizza il-probelma li kellu ta abbuz ta droga tant li ghamel u termina programm b'success. Ghahekk din il-Qorti hija tal-fehma fil-kwadru ta dawn il-provi godda li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet.

*Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' ersuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[9]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor.

Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fissentenza moghtija fil-kawza **Il-Pulizija vs Maurice Agius**[10] dik il-Qorti qalet hekk:

***Huwa car...., li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax iena ta' rigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita***

[9] Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006
[10] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il- piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno.*

*Huwa biss jekk il- iena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali iena (ghal eriodu ta' mhux an as minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il- iena ta' rigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' rigunerija ghandha tigi sos iza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tib a' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti doiversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Alfred Bugeja et**[11] fejn f'din ikl-kawza l-Qorti ta-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali minkejja il-fedina penali voluinuza tal-appellant Bugeja kienet infliġġiet ordni ta' probation fil-konfront tieghu u l-Avukat Generali kien interpona appell sabiex minflok l-probation tinfliġġi piena idoneja ta' ħabs effettiv skond il-liġi. F'dan il-kaz l-Avukat Generali sostna qabel l-Qorti tghadi biex taghti ordni ta probation *"għandu jkun hemm aċċertament da parti tal-ġudikant li jkun hemm probabilita` għolja li l-aspetti negattivi tal-karattru tal-ħati jinbidlu għat-tajjeb jekk dan ikun sorveljat u mgħejjun"*.

Dik il-Qorti, irriferiet għal dak li qalet dik il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. George Farrugia**[12] fejn l-appellat f'dak il-każ ukoll kien tqiegħed

[11] Appell Kriminali Numru. 6/2013. Deciz 25 ta Marzu 2105.
[12] Appell Kriminali Numru. 511/2010 . Deċiż fit-18 ta' Jannar 2001

taħt ordni ta' probation u appella l-Avukat Ġenerali. Din il-Qorti, kif diversament presjeduta, kienet qalet hekk:

*"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.*

Fil-kaz ta' Alfred Bugeja din il-Qorti diversament preseduta cahdet it-talba tal-Avuakt generali ghar-revoka tas-sentenz amoghtija mill-ewwel Qorti u dan minkejja li l-appellat f'dak il-kaz kien il-habs jiskonta sentenza ta prigunerija u ghalhekk semmai l-progress li setghet rat dik il-Qorit kien dak f'konfini ristretti

Kif jispjega **David Thomas** fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing**[13] :

*"'The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote*[14]*".*

"U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' Probation:

*"'The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the*

[13] Heinemann, London, 1979
[14] pp. 22, 23

*discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character[15] ."*

Bhalma ntqal minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anton Vassallo[16]:**

*"Din il-Qorti … trid tipprova ssib il-bilanc mehtieg bejn il-fatt li l-appellant irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta` u l-fatt illi r-rijabilitazzjoni kompleta ta' l-appellant tkun ta' beneficcju mhux biss ghalih izda ghall-istess socjeta` li huwa jrid jirritorna fiha. Ghalhekk din il-Qorti trid thares hafna 'l quddiem u tikkunsidra wkoll x'ikun l-ahjar mezz kif tista' tipprotegi lis-socjeta` una volta l-appellant ikun mill-gdid liberu."*

F'sentenza ohra fl-istess ismijiet **Il-Pulizija v. Anton Vassallo[17]** din il-Qorti diversament preseduta fir-rigward ta talba biex ikun hemm tibdil fil-piena irriteniet li;

*Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi l-appellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja marresponsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probationfilwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu*

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tilqa' ir-rikors tal-appell tal-appellant u tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija, li l-akkuzat Keith Pace gie kkundannat. Ghalhekk qeda tikkofnerma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorit fir-rigward tal-htija pero' qeda tirrevokaha fir-rigward tal-piena

[15] p. 236
[16] Appell Kriminali Numru. 358/2006 deċiż l-4 ta' Gunju 2008
[17] Appell Kriminali Numru. 324/2011. Deciz 9 ta Jannar 2013

imposta u dan bili qeda tiddecidi li tpoggi lill-appellant taht Ordni ta' Probation taht is-sorveljanza ta' ufficcjal tal-probation ghall-perijodu massimu permess mill-ligi ta' tlett (3) snin ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond l-ordni anness ma din is-sentenza u dan qed isir ghaliex temmen li Ordni ta' Probation fil-konfront tieghu ghandha ikollha effet aktar gust u ekwu fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u dan bil-ghan li l-appellant jkompli jinghata direzzjoni f'hajjitu u bl-ghajnuna tal-ufficjal tal-probabtion ikompli jibni fuq dak li gja beda fejn gie registrat progress.

Din l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huma ma joqoghdx ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' din l-ordni. Huwa ghalhekk li din il-Qorti sejra timponi kundizzjonijiet stretti fl-Ordni taghha.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Keith Pace bi kliem car u li jiftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din issentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is- sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation moghtija b'digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat Keith Pace u taghti r-rakomandazzjoni taghha li jigi nominatL-ufficcjal tal-Probabtion Matthew Fleri Soler sabeix ikompli ghaddej bil-hidma tieghu fuq il-probabtioner.

A tenur ta' u wara li rat l-Artikoli 532A u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna lill-ħatji sabiex ihallas lill-parte civile Clint Mckay s-somma ta' elfejn ewro (€2000) rapprezentanti parti mid-danni sofferti minħabba r-reat li wettaq il-hati u dan mhux aktar tard minn tlett (3) snin mil-lum.

Qed ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra tal-esperti fl-ammont ta' elf u disgha u hamsin euro u tllieta u

sebghin euro centezmu. (€1,059,73), liema hlas ghandu isisr sa zmien mhux aktar tard minn sena mill-illum .

Ghalhekk qeda tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid- Direttur tal-Qorti Kriminali bil ghan li jigbor l-ispejjez inkorsi fl-ammont ta' €1059.73 kif ordnat mill-ewwel Qorti.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Il-Pulizija**

**Spettur Mario Xiberras**

**Spettur Shawn Pawney**

**Spettur Wayne Camilleri**

**V**

**KEITH PACE**

ORDNI TA' PROBATION

[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]

Seduta ta' llum, 18 ta' Mejju 2021

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata KEITH PACE ta' erbghin sena bin Lawrence u Emanuela nee Vella, imwieled Pieta nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju. 1980 u residenti 55, Triq Kardinal Sciberas, Santa Venera detentur tal-karta tal-identita li ggib in-numru 327480M tigi mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

Tordna lil persuna imputata titqieghed taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata; u

5. Li l-persuna mputata tkompli tindirizza l-problema akuta li kellha ta droga b'dan ili ghandha tkompli tati kampjun tal-wrina aghha ghall-gharrieda kul meta tigi hekk ordnata mill-Ufficcjal tal-Probabtion b'dan ili f'kaz li jkun hemm rizultat wiehed biss posittiv ghal presenza tas-sustanza illecita dan il-fattur wahda ghandu ukoll jigi kunsidrat li jammonta ghal ksur tal-Ordni tal-Porobabtion u ghalhekk qeda minn issa tordna lill-uffiicjal tal-Probabtion f'kaz li jkollu rizltat wiehed posittiv ghal presenza ta' droga dan ghandu jghamel denunzja lil din l-istess Qorti.

6. Qeda ukoll tordna lill-probationer jikkumpensa lill-parte civile Clint Mc kay is-somma ta' elfejn euro ( €2,000) fi zmien tlett snin mill illum ukoll f'kaz li dan il-hlas ma

jsirx din il-Qorti ghandha tigi mgharfa u dan in-nuqqas jammonta ghal ksur tal-Ordni tal Probabtion u b'jhekk l-ufficcjal ikollu jippresenta id-denunjza tieghu.

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.

……………………………..

Keith Pace

Franklin Calleja

Deputat Registratur